Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## ID-DISA' LEĠISLATURA

### Laqgħa Numru 13

Tnejn,23 ta' Ġunju 2025

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-09.00am.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Anthony Barbaro Sant- Kunsillier
Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ppresjeda l-laqgħa li bdiet fit-09.09am

**13.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

13.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija

**13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti**

13.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tat- Tnax il- Laqgħa tal-Kunsill Lokali. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

13.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**13.3 Kumunikazzjoni mis- Sindku**

13.3.1 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li ltaqa' fuq il-post mal-kuntratturi flimkien mal- Perit fir-rigward ta' l-installazzjoni tar-railings madwar il-ġnien l-kbir f'Howard Gardens. Ser jibda x-xogħol ta' manifatturar tar-*railings* u fil-kuntratt hemm stipulat li r-*railings* jitwaħħlu fi zmien sitt xhur.

13.3.2 Is- Sindku xtaq li ssir laqgħa mal-Kunsill ta' l-Mdina fejn jiġi diskuss il-konfini bejn iz-zewġ lokalitajiet ta' l-Mdina u r-Rabat. Dan qed jitolbu għar-raġuni li dil-ġimgħa, is- SE rċieva telefonata mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar fejn rcevew applikazzjoni mill-Kunsill tar- Rabat biex isir ir-restawr ta' l-Għajn fit-telgħa tas- Saqqajja taħt il-Loggia ta' San Pawl u li skond il-konfini tal-Kunsilli hemmhekk jaqa' fil-konfini tal-Kunsill ta' L-Mdina u mhux tar- Rabat.

13.3.3 Is- Sindku qal li fir-rigward tal-ħasil extra matul ix-xhur tas- sajf ser jiġi ffinanzjat mir- Reġjun tal-Punent permezz ta' fond ta' €3000 li jingħata lil kull Kunsill fi ħdan ir- Reġjun.

13.3.4. Is- Sindku infurma lil Kunsill li bi qbil mal-Kunsill tar- Rabat, l-Awtorita tat- Trasport fix-xhur li ġejjin ser jitwaħħlu pellican lights fir-roundabout fejn hemm iz-*zebra crossing* bejn Gnien Howard u *car park* tar-Rabat.

12.3.5. Is- Sindku infurma lil Kunsill li f'laqgħa tal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni ta' l-Mdina, huwa talab lid- Direttorat tar- Restawr biex il-ħsara li hemm fl-ghajn tal-ħasselin taħt Casino Notabile tiġi ndirizzata mill-aktar fiss possibbli.

**13.4 Jum L-Mdina**

13.4.1 Il-Kunsill iddeċieda li Jum l-Mdina ser jiġi organizzat nhar id- 29 ta' Awwissu 2025 fi Pjazza Mesquita.

**13.5 Ilmenti u items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

13.5.1 Pulizija- L-Għassa tal-Pulizija bgħatu jinfurmaw lil Kunsill li fil-faċċata ta' Corte Capitanale hemm struttura perikoluza u li sar tape madwar l-area. Bħala Kunsill infurmajna kemm lil Pulizija kif ukoll lil Lands li dik il- parti fejn hemm l-istruttura ma' tiffurmax parti mill-uffiċini tal-Kunsill imma taqa' taħt Heritage Malta.

13.5.2 Arcikonfraternita ta' San Guzepp- Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Festa ta' San Guzepp fis-Sena 2027 ser ssir il-Ħadd 25 ta' April 2027.

13.5.3 Natalis Notabilis- Talba għat-tomba biex jipparkjaw is-*service providers* matul l-attivita kif ukoll biex jingħata aċċess lil resident li huwa *blue badge holder* jipparkja matul il-lejl. Il-Kunsill filwaqt li ma jsibx oġġezzjoni, minħabba t-talba għal *blue badge holder*, l-organizzaturi iridu jipprovdu sorveljanza ta' l-area 24x7.

13.5.4 Charles Sammut- Talba biex tiġi mtella' wirja ta' ceramika bejn l-1 ta' Diċembru 2025 u l-15 ta' Diċembru ġewwa s-Sala tal- Kunsill. Il-Kunsill approva.

**13.06 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

13.6.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tal- 23 ta' Ġunju 2025 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 25,656.87

13.6.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill nanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korretta.

**13.07 Tmiem tal- Laqgħa**

12.07 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 10.12am u ġiet aġġornata għal-28 ta' Lulju 2025 fit-9am.

FFIRMATI

______________________

Peter Sant Manduca
Sindku

FFIRMATI

______________________

Mark Mallia
Segretarju Ezekuttiv

Data:___<u>28 ta' Lulju 2025</u>__